**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Jonathan Muscat bin John u Gemma nee Cauchi li joqghod, 23, Pjazza l-Arcipriet Martin Camilleri, Nadur, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 162899 (M)**

Illum 27 ta' Frar 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar il-Hadd, 11 ta' Novembru 2001 ghall-habta tat-3:00p.m. fi Triq Qala, Nadur (1) saq vettura numru IBA 537 ta' ghamla Isuzu b'manjiera traskurata u perikuluza (2) saq l-istess vettura b'manjiera bla kont (3) aktar talli saq l-istess vettura b'giri aktar milli jmissu (4) aktar talli waqt li kien isuq l-imsemmija vettura naqas li jaghmel sinjal meta kien sejjer ibiddel id-direzzjoni (5) aktar talli regga lura l-istess vettura ghal distanza aktar milli kien mehtieg MVR 81 (6) aktar talli naqas li jobdi l-ordni legittima moghtija lilu mill-pulizija fil-qadi ta' dmirijietu (7) aktar talli fl-istess data ghall-habta tas-5.45p.m. fil-ghassa tal-pulizija tan-Nadur, ingurja u/jew hedded lil WPS 160 J. Camilleri persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet taghmel jew minhabba li kienet ghamlet dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghha jew jinfluwixxi fuqha kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija, barra l-piena stabbilita mill-Ligi, tiskwalifikah milli jkolli jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien li jidrilha xieraq.

Semghet il-provi u l-ammissjoni ta' l-imputat fuq l-ewwel u s-sitt akkuzi wara li nghalqu l-provi.

Il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-Artikoli 15(1) (a) (2) u 18 tal-Kap. 65, Artikolu 71 ta' l-Avviz Legali 128/94, Artikolu 338 (ee) u Artikolu 95 tal-Kap. 9.

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitt lira Maltin (Lm100) u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien xahar mil-lum.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

Vera Kopja

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Ghar-Registratur